MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 23/2003

Il-Pulizija
(Spettur C. Pullicino)
(Spettur S. Galea)
Vs
Anthony Gauci

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tal-10.00 a.m. gewwa l-Ghassa tal-Pulizija – Naxxar :
1) iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat, liema reat jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew Ufficjal iehor minnhom inkarigat li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;
3) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 108, 110 u 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn (2) skond l-artikolu 9 tal-Kap 152. Inoltre l-Qorti interdicietu b'mod generali w milli jservi bhala xhud hlief quddiem il-Qrati ta' Malta u dan ghal zmien hames (5) snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 u ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati ghall-fini tal-interdizzjoni fuq imsemmija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Frar, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu lliberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn billi tirriduci z-zmien ta' sentejn "probation" akkordat skond l-Artikolu 9 tal-Kap 152 ghal perjodu ferm iktar konsonu mac-cirkostanzi u ghall-istat mentali tal-imputat fil-mument tar-reati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet, u anke minhabba li r-recidiva tieghu mhix wahda fil-kamp/materja kriminali tal-kaz odjern, u tirrevokha a rigward il-kundanna ta' hames snin interdizzjoni w li ma jistax jiehu gurament hlief quddiem Qorti. Salv kwalunkwe provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tal-lum stess fejn il-Prosekutur eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell stante li t-talba mhix skond il-Ligi.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat :

Illi jidher li l-eccezzjoni tal-Avukat Generali hija gustifikata. Ghalhekk tiddikjara r-rikors tal-appellant null ghax ma segwix il-formola li titlob il-Ligi f'kaz ta' talba ghar-riforma tas-sentenza w iddicitura wzata ma tissodisfax ir-rekwiziti w l-kriterji stabiliti fil-gurisprudenza, w konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------